**6 ta' Marzu, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.**

Calcedonio Ciantar

*versus*

Francis Grech et.

**Titolu Esekuttiv — Kuntratt — Pagament b'Rati — Morożità — Awtorizzazzjoni Ġudizzjali.**

*Il-validità eżekuttiva ta' kuntratt f'każ ta' ħlas ta' kreditu birrati, għall-fini ta' l-iskadenza trienali, tiġġedded bl-iskadenza ta' kull rata.*

*Meta d-dekadenza tiddependi minn kondizzjoni, per eżempju, mill-mora fil-pagamenti tar-rati ta' ħlas ta' dejn, hija neċessarja l-awtorizzazzjoni ġudizzjali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt bħala titolu tieħor.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur — premessi

ħames mitt lira (£500) bil-fidejessjoni solidali tal-konvenuta l-oħra, liema somma kellha tiġi restitwita bil-għaxar liri (£10) fix-xahar bl-interessi tas-6% fis-sena, u scaletta, bid-dekadenza fin-nuqqas ta' żewġ rati jew somma ekwivalenti — u premess illi l-konvenut baqagħlu jagħti £200 bilanċ ta' kapital u £27. 15. 0 interessi sat-18 ta' Diċembru, 1964, skond il-prospett unit maċ-ċitazzjoni — u billi l-konvenuti naqsu mill-puntwalità fil-ħlas tar-rati konvenuti u baqgħu lura f'ammont aktar minn żewġ rati u baqgħu ma ħallsux nonostante l-interpellazzjonijiet *ġudizzjarji lilhom diretti*, u *għalhekk, skond dak* il-kuntratt iddekadew mill-benefiċċju tal-mod u tat-terminu — talab illi (1) il-konvenuti jiġu dikjarati dekaduti mill-benefiċċju tal-mod u terminu stipulati bil-fuq imsemmi kuntratt imħabba f'illi baqgħu lura fil-ħlas ta' iżjed minn żewġ rati mensili u, konsegwentement, (2) dikjarat leċitu għall-attur li jipproċedi għall-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-2 ta' Ġunju, 1961, għas-somma ta' mitejn sebgħa u *għoxrin lira u ħmistax-il* xelin (£227. 15. 0) kwantu għall-mitejn lira (£200) bilanċ ta' kapital u £27. 15. 0 interessi sat-18 ta' Diċembru, 1964, oltre l-interessi ulterjuri bir-rata tas-6% fis-sena fuq il-kapital mid-19 ta' Diċembru, 1964, sal-pagament effettiv, bl-interessi kif fuq u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali tal-24 ta' Awissu u 5 ta' Novembru, 1964 kontra l-konvenuti;

OMISSIS;

**Ikkunsidrat:**

Li l-konvenut Grech ammetta li huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu akkordat lilu fil-kuntratt riċevut min-Nutar Joseph Gatt fit-2 ta' Ġunju, 1961; iżda l-konvenuta Anna Maria Mallia ma qalet xejn għax baqgħet kontumaċi; u l-istess konvenut Grech iddikjara li ma jikkontestax il- bilanċ mitlub mill-attur. Għalhekk l-unika kwistjoni li għandha tiġi deċiża

hija dik rigwardanti t-tieni talba fejn l-attur qal li jkun dikjarat lećitu li jipproćedi għall-eżekuzzjoni ta' l-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt għas-somma ta' £227. 15. 0, in kwantu għal £200 bilanċ ta' kapital u £27. 15. 0 interessi sat-18 ta' Diċembru, 1964, oltri l-interessi ulterjuri bir-rata tas-6% fis-sena fuq il-kapital mid-19 ta' Diċembru, 1964, sal-pagament effettiv.

Li, evidentement, il-konvenut Grech qanqal l-eċċezzjoni tal-inutilità ta' dina t-talba biss għal dak li tista' tinfluwixxi fuq il-kap ta' l-ispejjeż, għaliex il-meritu ġie minnu ammess.

Ikkunsidrat:

Li l-attur mhux qiegħed jippremetti fl-att taċ-ċitazzjoni li huwa qiegħed jitlob l-awtorizzazzjoni biex jażegwixxi l-imsemmi kuntratt għaliex għaddew aktar minn tlitt snin mindu huwa seta' jgħaddi għall-eżekuzzjoni tiegħu. Infatti, dana anqas ma seta' jsir, għaliex trattandosi ta' ħlas ta' kreditu birrati, il-validità eżekuttiva ta' kuntratt, għall-fini ta' l-iskadenza triennali, tiġġedded bl-iskadenza ta' kull rata, b'mod li jekk id-debitur ma jkunx moruż fil-ħlas ta' pagament ta' tant rati li jeċċedu t-terminu ta' tlitt snin, il-kreditur ma jkunx ammess jitlob l-awtorizzazzjoni biex jesegwixxi l-kuntratt, għaliex talba simili tkun saret prematurament.

Li, però, fil-każ preżenti l-attur jidher li mhux qiegħed espressament jitlob li jkun awtorizzat jesegwixxi l-kuntratt imħabba l-mora triennali fil-pagament tar-rati skaduti iżda qiegħed jitlob sempliċi dikjarazzjoni pedissequa għal dik tad-dekadenza tal-konvenut Grech mill-benefiċċju tat-terminu għall-fini biss li jiġi stabilit l-ammont bilanċjali dovut mid-debitur li jirriżulta mill-imsemmija dikjarazzjoni ta' dekadenza.

Li, f'dana s-sens il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma għa-

milix talba ozjuża u inutili, billi, trattandosi ta' pagamenti rateali, li anqas ma kienu qegħdin isiru regolarment, huwa kellu interess li jiġi stabbilit l-ammont eżatt tal-kreditu bilanċjali, biex jevita tfixkil meta jiġi biex jesiġi esekuttivament dana l-ammont mill-konvenuti solidalment bejniethom.

Li dana l-prinċipju ġie enunċjat konformement mill-Qorti tagħna li rritenew li meta dekadenza tiddependi minn kondizzjoni bħal każ preżenti, li tiddependi mill-mora fil-pagament tar-rati ta' ħlas li kellhom *jitħallsu, hija neċessarja l-awtorizzazzjoni* ġudizzjali għall-esekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu ieħor, anki meta ma jkunux għaddew tliet snin mid-data ta' l-iskadenza jew mid-data ta' l-att (Kollez. XVI, iii, 103; XXXI, iii, 249).

Li fl-aħħarnett huwa ta' min jirrileva li l-attur mhux qiegħed jitlob il-kundannat tal-konvenut għall-ħlas ta' l-ammont dovut, *iżda qiegħed jitlob li jkun ammess jeżegwixxi* l-kuntratt għal dak l-ammont, ħaġa li tista' u anzi għandha ssir mingħajr ma jiġu b'hekk provokati spejjeż inutili għad-debitur (Kollez. XXXVII, iii, 841).

Għal dawna l-motivi:

Fil-kontumaċja tal-konvenuta Anna Maria Mallia;

Tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti taxxabbli bħal fil-każ ta' ammissjoni; u tilqa' t-tieni talba ta' l-attur kif ridotta, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti taxxabbli wkoll bħal fil-każ ta' ammissjoni.